MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 12

7 ta' April 2020

Minuti tas-seduta Nru. 12 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu permezz ta' Skype.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 11 tad-9 ta' Marzu 2020 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

2.1.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.19.1. tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-fatt li l-affarijiet baqgħu l-istess.

2.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mar fuq il-post u kien evidenti li x-xogħol għadu għaddej, fuq il-*piles,* filwaqt li ma sar xejn fuq in-naħa tat-taraġ. Għarraf ukoll li l-ebda kuntatt ma' sar mal-iżviluppatur, peress li l-każ ġie mgħoddi lill-*Building Construction Agency*.

2.1.4. Il-Kunsill iddeċieda li għalkemm il-BCA ġiet infurmata bil-każ, xorta waħda għandu jsir kuntatt mal-iżviluppatur.

### 2.2.1. Spusstjar ta' arblu fi Triq ir-Rattan (E/1/3/Vol IV)

2.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.22.2. tas-seduta ta' qabel u ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur mqabbad minn sid il-fond li quddiemu jinsab l-arblu ta' lampa tat-triq (Y091), fil-fatt kien kopert bil-permess minn Transport Malta biex jagħmel xogħol fit-triq u l-bankina b'rabta mal-komunikazzjoni tad-drenaġġ.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Ipparkjar fi Triq San Ġorġ k/m Triq tas-Salib (T/3/2/Vol XV)

2.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li reġa' ikkuntattja lir-resident li għamel it-talba u qal li ma jsibx problema jekk l-ipparkjar ta' vetturi jiġi pprojbit mal-ġenb tal-proprjetà tiegħu, li jiġi fuq il-lemin meta wieħed jidħol minn Triq tas-Salib.

2.3.3. l-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex tapprova l-proposta. Kien hemm qbil li l-arranġament propost jiġi mplimentat wara li ssir talba bil-miktub mis-sid tal-garaxx konċernat u tinkiseb l-approvazzjoni minn Transport Malta.

## 2.4.1. *Play equipment* fil-lukanda Mellieħa Bay (P/4/6/Vol VI)(P/5/8/G)

2.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-minuta 5.9.1. tas-seduta preċedenti u qal li fil-fatt ġew żarmati żewġ *playhouses* u tliet *spring seats*. Is-Sur C. Debono ppropona li t-tieni *playhouse* titqiegħed fil-*picnic area* li hemm fil-Park tal-Familja, kemm-il darba jkun hemm wisa' biżżejjed għaliha. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-ankra mogħtija tpoġġiet fejn il-Mużew tat-Tunnara.

2.4.3. Kien hemm qbil li l-*playhouse l-ġdida* titpoġġa fl-ispazju li diġa huwa ċċanjat bil-lastiku illi għadu vojt, filwaqt li dik qadima titpoġġa fil-*picnic area.*

2.4.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li wieħed għandu jagħmilha ċara li l-għoti ta' dan it-tagħmir m'għandux jippreġudika xi *planning gain* li tista' timponi l-Awtorità tal-Ippjanar b'rabta mal-ħruġ tal-permess dwar l-iżvilupp mill-ġdid tal-lukanda Mellieħa Bay.

## 2.5.1. Stat tal-bankina fi Triq Adenau (D/3/1/Vol V)

2.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 3.3.1. tas-seduta ta' qabel u ġibed l-attenzjoni li fuq proposta mqajma mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini kienet saret żjara fuq il-post mal-*foreman* tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttra. Huwa talab lill-Kunsill jiddeċiedi dwar x'materjal ser jintuża għall-pavimentar u l-kurduna tal-bankini li hemm fuq il-pont ta' Triq Adenau.

2.5.3. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li l-parti tal-bankini li jiġu kantuniera ma' Triq Dun Franġisk Sciberras titbaxxa sabiex ma titkissirx minn vetturi kbar li ħafna drabi jkollhom jitilgħu fuqha biex iduru.

2.5.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-wiċċ tal-bankina jsir minn *paving blocks* griżi mżewqa b'oħrajn ħomor b'kurduna tal-konkos. Kien hemm qbil ukoll li t-tul tad-*dropped kerbs* fil-kantunieri ma' Triq Dun Franġisk Sciberras ikunu ta' daqs normali sabiex il-vetturi ma jersqux wisq lejn il-bini.

## 2.6.1. Attivitajiet ikkanċellati b'rabta mal-Covid-19
**(D/4/Vol IV)(P/8/1)(E/3/1/Vol IV)(A/5/5/Vol VII)(T/6/1Vol IV)(K/7)(A/5/5/Vol V)(A/5/3/5/Vol V)(A/5/3/1/Vol XVII)(A/5/3/Vol XII)**

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-diversi minuti tas-Seduti 10 u 11 tal-11 ta' Frar u tad-9 ta' Marzu 2020 rispettivament, li jittrattaw l-attivitajiet varji illi jidhru hawn taħt:

- Jum il-Premjazzjoni fl-iskejjel;
- Laqgħat ma' ġenituri ta' persuni b'diżabilità;
- MCAST - *Educational Outreach Services*;
- Żjara fil-Mużew tal-Pulizija fil-Furjana; u
- Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar.

2.6.3 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.6.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għal attivitajiet bħal-Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin, li jkunu jeħtieġ ħafna tħejjijiet għalihom minn qabel. Huwa staqsa x'ser tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill dwarhom fid-dawl tal-miżuri li qed jittieħdu biex tiġi kkontrollata l-epidemija Covid-19. Huwa staqsa dan peress li l-Knisja kkanċellat il-festi titulari u sekondarji kollha, għall-istess raġuni.

2.6.5. Il-Kunsillier M. Abela qal li l-unika attività reliġjuża mħabbra mill-Knisja, huwa pellegrinaġġ fuq bażi nazzjonali fl-14 ta' Settembru 2020. Huwa qal ukoll li l-Animal Fest li ġiet posposta għall-Mejju 2020, issa ser ikollha tiġi posposta mill-ġdid.

2.6.7. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa japprezza li ċerti attivitajiet jeħieġu ħafna preparazzjoni, iżda kemm-il darba ċ-ċirkostanzi jitbiddlu, l-attivitajiet jistgħu jsiru xorta waħda fuq skala li ż-żmien ikun jippermetti.

2.6.8. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-fatt li l-Kunsill tal-Arti mhux qed jippjana li jtellgħa attivitajiet kulturali sal-aħħar ta' Settembru 2020.

2.6.9. Is-Sindku D. Vella qal li attwalment huwa ċar li ma tistax isseħħ l-attività ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ, li kienet ippjanata għall-24 ta' Ġunju 2020. Huwa stqarr ukoll li fir-rigward ta' attivitajiet li jiġu aktar tard, wieħed għandu jistenna mill-inqas sa seduta oħra.

2.6.10. Il-Kunsill iddeċieda li din il-materja għandha tkun fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 2.7.1. Laqgħa msejħa mill-Pulizija tal-Komunità fil-Manikata (P/9/4)

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 3.1.1. tas-seduta ta' qabel dwar il-laqgħa li ġiet imsejħa mill-Pulizija tal-Komunità għar-residenti tal-Manikata. Hija qalet li attendiet fil-kapaċità personali tagħha u pproponiet li l-punti mqajma jiġu trattati fl-ewwel laqgħa li ssir mal-Kunsill.

2.7.3. Il-Kunsill innuta t-tagħrif mogħti, kif ukoll il-proposta skont il-minuta preċedenti.

## 2.8.1. Xogħlijiet fir-ramla tal-Għadira (T/4/2/Vol XXI)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 3.4.1. tas-seduta ta' qabel u ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur illi qed jaħdem fuq il-*main* tad-drenaġġ qrib xatt il-baħar, qala' il-bankijiet li jinsabu fl-*area* tal-*barbecue* u ma waħħalhomx fejn kienu.

2.8.3. It-tieħdet nota tal-ilment sabiex jiġi mgħoddi lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 03/04/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/02/20 – 27/02/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/03/20 – 03/04/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2020.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. PA 2142/20; PA 2137/20 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq il-Fortizza u Triq Ħalq iċ-Cawl (P/5/8/Z)

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq li jinvolvu bdil minn *units* residenzjali għal ħwienet Class 4B u 4.

5.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li aktar attività kummerċjali kif approvata fil-permess PA 5909/17 iżżid l-intensità tat-traffiku f'żona li essenjalment hija waħda residenzjali. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens.

### 5.2.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għaż-żewġ applikazzjonijiet li saru taħt din l-iskema, li kienu jirrigwardaw *Sports Rally* u Innovation Lab Teen. Permezz ta' ittri mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi, il-Kunsill ġie nfurmat li l-finanzjament tal-ewwel proġett kien aċċettat, filwaqt li l-aħħar wieħed ma laħaqx l-aspettattivi tal-iskema.

5.2.3. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

### 5.3.1. Inċident fi Triq il-Mellieħa li jinvolvi vettura Nru. XER 152 (D/5/Vol II)

5.3.2. Inqara imejl datat 7 ta' Frar 2020, fejn is-sid ta' vettura Reg. XER 152 allegatament ħabtet ma' ġebla kbira li kien hemm wara kantuniera fi Triq il-Mellieħa, waqt li ppruvat tevita vettura oħra li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta. B'riżultat ta' dan, saret ħsara fuq iż-żewġ bibien tal-vettura. Ġie ppreżentat rapport tal-Pulizija, kif ukoll riċevuta €1,309.80 li tkopri l-ispiża li saret biex issewwiet il-ħsara.

5.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandha tiġi nfurmata l-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill peress li l-ispiża taqbeż €500.

5.3.4. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli jsegwi t-talba kif indikat fil-minuta 5.3.3. aktar'l fuq.

### 5.4.1. Inċident fi Triq Snajjin li jinvolvi vettura Nru. CCL 432 (D/5/Vol II)

5.4.2. Inqara imejl datat 2 ta' Marzu 2020 fejn is-sid ta' vettura Reg. CCL 432 allegatament qabdet bankina fejn kien qiegħed isir xogħol fuqha minn kuntrattur privat, kif kien jidher fuq ritratti mehmuża mat-talba. Skont ir-rapport tal-Pulizija r-rapport l-inċident ġara fil-5 ta' Frar 2020. B'riżultat ta' dan, iċċarrat *tyre* illi skont riċevuta sottomessa, l-ispiża biex dan inbidel ammontat għall-€109.00.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li m'għandux jerfa' ir-responsabiltà tal-ħsara ndikata peress li skont ir-ritratti annessi mat-talba, din kienet tinvolvi l-bankina, fejn il-vettura qatt ma kellha tinstaq. Apparti dan, il-bankina tneħħiet minn kuntrattur in konnessjoni ma' żvilupp li kien għaddej fis-sit ta' biswitha.

### 5.5.1. Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira (P/5/8/G)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Marzu 2020 mibgħut minn Blue Border Holdings Ltd, fejn osservaw it-titjib propost fil-parkeġġ tal-Għadira u għalhekk talbu sabiex jagħtu preżentazzjoni lill-Kunsill l-immaniġġjar tiegħu, b'tali mod li jħalli introjtu li parti minnu tmur għall-manutenzjoni tal-istess faċilitajiet.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li huwa prematur li jkun hemm kuntatti ta' dan it-tip.

### 5.6.1. Installazzjoni ta' *Retro-Booths* (T/2/1/Vol II)

5.6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa ma' rappreżentanti mid-ditta li qed toffri l-installazzjoni tat-tagħmir imsemmi f'postijiet l-aktar iffrekwentati mill-pubbliku, minflok it-*telephone booths* eżistenti li ftit li xejn għadhom jintużaw. Ġie spjegat li r-Retro-Booths joffru faċilitajiet mingħajr ħlas ta' *Wi-Fi hotspot, geo location*, jippermettu sejħiet fuq in-numru 911 u jiċċarġjaw il-batteriji ta' telefons ċellulari u apparat ieħor permezz ta' *USB socket*. Id-ditta li tinstalla l-apparat ikollha ntrojtu mir-riklamar li jsir.

5.6.3. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-introduzzjoni tal-faċilità proposta, anke fid-dawl tal-fatt li attwalment it-*telephone booths* pubbliċi m'għadx għandhom skop. Kien hemm qbil li l-postijiet għandhom jiġu ndikati flimkien mal-Kunsill, filwaqt li l-installazzjoni tal-apparat

għandha titwettaq wara li ssir garanzija bankarja li tipprovdi għat-tneħħija tat-tagħmir kemm-il darba l-proġett ma jibqax sostenibbli.

**5.7.1. Inċident fi Triq it-Trill li jinvolvi vettura Nru. JCT 127 (D/5/Vol II)**

5.7.2.. Inqara imejl datat 7 ta' April 2020, fejn is-sid ta' vettura msemmija rrapporta li r-rota tal-karozza tiegħu waqgħet ġo ħofra li kien hemm fin-naħa t'isfel ta' Triq it-Trill, kif kien jidher fuq ritratti mehmuża mat-talba. Skont ir-rapport tal-Pulizija l-inċident ġara fl-10 ta' Frar 2020. B'riżultat ta' dan, iċċarrat *tyre,* illi skont ir-irċevuta sottomessa l-ispiża biex dan inbidel ammontat għall-€72.00.

5.7.3. Wara li l-Kunsill ra d-dokumentazzjoni kollha, kif ukoll ġie verifikat li l-ħofra msemmija fil-fatt eżistiet, it-talba ġiet approvata.

**5.8.1. Qtates li jgħixu fl-art madwar il-Mellieħa Bay Hotel (A/9)**

5.8.2. Saret referenza għall-imejl datat 11 ta' Marzu 2020, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura u Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa li għaliha attendew diriġenti mill-istess Segretarjat, mill-Mellieħa Bay Hotel u żewġ persuni li jitimgħu l-qtates. Bħala riżultat tagħha, il-Kunsill ġiet mgħarraf li għandu l-obbligu legali li jieħu fil-kustodja tiegħu 35 qattus biex jiġu rilokati.

5.8.3. Is-Sindku qal li din il-laqgħa kienet appuntata għall-14 ta' Frar 2020 u kienu mistiedna jattendu għaliha uffiċjali nvoluti f'dan il-qasam, flimkien ma' delegazzjoni mill-Kunsill. Il-laqgħa ma saritx u rriżulta li saret wara fl-assenza ta' rappreżentant mill-Kunsill.

5.8.4. Il-Kunsillier M. Abela qal li minn kuntatti li huwa kellu mad-Dipartiment tal-Animal Welfare, jidher li l-problema hija fejn ser jiġu rilokati 35 qattus li attwalment qegħdin fl-inħawi tal-Mellieħa Bay Hotel. Qed jallegaw ukoll li l-Kunsill huwa legalment obbligat li jsib post għal dawn il-qtates.

5.8.5. Il-Kunsill innota li l-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439) jgħid li l-Istat għandu jagħmel ħiltu, biex jipproteġi l-ħajja tal-annimali. Imkien fl-istess liġi m'hemm stipulat l-obbligu tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward. Dan l-obbligu lanqas ma huwa ndikat fl-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363). Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill staqsa x'inhuma l-funzjonijiet tad-Dipartiment għall-Benesseri tal-Annimali.

5.8.6. Irrispettivament mill-minuta 5.8.5. aktar 'il fuq, ġie nnutat li l-Kunsill ilu nvolut fil-qasam tat-tiswija tal-qtates (*neutering*) mill-2015, kif ukoll ivvota fondi minn sena għall-oħra għall-istess għan. Il-Kunsill innota wkoll li ma għandux il-faċilitajiet meħtieġa biex jilqa' in-numru ta' qtates indikat.

**5.9.1. PC 0070/18 – Sqaq fi Triq Għajn Żejtuna (P/5/8/G)**

5.9.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2018 u staqsa x'kien l-eżitu' tagħha. Huwa fakkar li din it-talba tinvolvi l-formazzjoni ta' sqaq bi dħul minn Triq Għajn Żejtuna sabiex iservi ta' aċċess bil-vetturi għal sitt qtajja' konfinanti wkoll ma' Triq iż-Żebbuġ.

5.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dakinhar, il-Kunsill kien tal-fehma li:

(a) l-forma tal-isqaq jeħtieġ li tieħu in konsiderazzjoni s-servizzi li għaddejjin mill-istess art, fosthom id-drenaġġ li jista' għadhom affettwati b'Ordni ta' Infurzar EC/00503/10, maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar wara xoghol ta' skavar u tqeghid ta' katusi li sar mingħajr permess; u

(b) l-ilma tax-xita għandu jingħata d-direzzjoni lejn il-mina eżistenti li tinsab taħt Triq Għajn Żejtuna, sabiex dan imur direttament fil-wied.

5.9.4. Is-Sur C. Debono għarraf li minn tagħrif disponsibbli onlajn, jidher li qabel tittieħed deċiżjoni finali dwarha jeħtieġ li jsir *survey* topografiku mill-*Land Survey Unit* tal-Awtorità tal-Ippjanar.

### 5.10.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Għajn Żejtuna (T/4/12)

5.10.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru. 5 tal-1 ta' Ottubru 2019 dwar estensjoni tal-*culvert* imsemmi. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi fuq din il-materja.

5.10.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li tħejja *bill of quantities* mill-*Contracts Manager* u x-xogħol ġie assenjat lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.11.1. Proġett *ECO Squares* (P/2)

5.11.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-ittra datata 7 ta' April 2020, mibgħuta mill-Ministeru tal-Enerġija u l-Ilma, dwar il-proġett imsemm. Spjega li dan huwa mmirat sabiex jeduka lill-pubbliku fl-użu ta' l-enerġija rinovabbli bl-introduzzjoni ta' għamara tat-toroq li taħdem bl-enerġija mix-xemx, u bins fejn l-iskart ikun jista' jiġi sseparat. Is-Sur D. Vella qal li minn kuntatti li huwa kellu, jidher li l-għażla tas-sit għal dan il-proġett huwa l-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ. Il-Ministeru ser jipprovdi l-għamara u jmantniha għal perjodu ta' tliet snin u sussegwentement jidħol il-Kunsill.

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li għandu jinkiseb aktar tagħrif dwar it-tip ta' għamara li qed tiġi proposta sabiex ikun stabbilit il-post fejn l-aħjar dan jista' jiġi nstallat.

### 5.12.1. *Remote Working Concept* (P/2)

5.12.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 6 ta' April 2020, li huwa rċieva mill-Ministeru dwar l-Enerġija u l-Ilma, dwar l-introduzzjoni ta' xogħol lill'hinn mill-post fejn tkun ibbażata l-entità. L-ideja hija li jkun hemm aktar flessibiltà, inqas ivvjaġġar, aktar ħin mal-familja. Il-proġett jaħseb ukoll li jkun hemm l-għodda biex wieħed jasal għal dan, anke f'postijiet pubbliċi bħal parki u ġonna, eċċ.

5.12.3. Il-Kunsill talab li jingħata aktar dettalji qabel ikompli jiddiskuti l-introduzzjoni ta' dan il-kunċett fil-lokalità.

### 5.13.1. Assenjar ta' ħaddiema tal-Ozo Ltd (T/4/5/Vol IV)

5.13.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa ġie kkuntattjat mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mis-Servizzi Finanzjarji, l-Ekonomija Digitali u l-Innovazzjoni sabiex jiġu assenjati numru ta' ħaddiema barranin ta' l-Ozo Ltd illi qed jieħdu l-benefiċċji li ta l-Gvern Ċentrali lil dawk li sfaw bla xogħol minħabba l-pandemija Covid-19. Ġie stabbilit illi dawn jistgħu jagħmlu tindif u diżinfettar ta' postijiet pubbliċi, b'żieda mas-servizz li qed jingħata darba fil-ġimgħa mid-Direttorat tal-Indafa Pubblika. Is-Sur D. Vella kompla jispjega li skont abbozz ta' memorandum li ġie mgħoddi mill-istess Segretarjat, din l-assenjazzjoni ma tinvolvi ebda spiża għall-Kunsill.

5.13.3. Il-Kunsillier G. Micallef ikkummenta li l-inizjattiva jaqbel magħha u jemmen li hemm bżonnha fiċ-ċirkostanzi, iżda jidher illi ftehim diġa sar u għalhekk kien ikun aħjar li l-Kunsill kollu kien infurmat biha mill-bidu.

5.13.4. Is-Sindku qal li l-affari bdiet tiżviluppa minn ħin għall-ieħor u ma kienet tinvolvi diversi Kunsilli Lokali u entitajiet. Huwa qal ukoll li ġew assenjati ħames ħaddiema oħra ta' Ozo Ltd, li inizjalment ġew assenjati mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u sussegwentement ġew offruti lill-Kunsill biex jgħinu fuq xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalità. Dan tħabbar waqt konferenza stampa mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mir-Riformi, iċ-Ċittadinanza, u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattiva – l-Onor. G. Farrugia Portelli.

5.13.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill approva l-iffirmar tal-*memorandum of understanding* msemmi fil-minuta 5.13.2.

**5.14.1. Għotja ta' maskri li jipprevjenu l-infezzjoni (D/4)**

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li hemm entità kummerċjali esprimiet ix-xewqa li tagħti numru ta' maskri lir-residenti tal-lokalità biex jilqgħu għall-infezzjoni mill-coronavirus. Huma pproponew li dawn jitqassmu minn negozji li jbiegħu oġġetti essenjali, kif ukoll lill-persuni nvoluti fit-tqassmu tal-ikel fid-djar lill-persuni vulnerabbli. L-ammont li dawn jingħataw ikun skont id-daqs tan-negozju, li l-lista tagħhom inġabret mis-Sinjuna Bartolo Cutajar, flimkien mal-Kunsillier I. Castillo.

5.14.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-iskop huwa li l-maskri jitqassmu lill-klijenti ta' madwar 35 negozju sabiex min irid jilbishom waqt li jkun fl-istess negożji. Huwa qal li dawn jistgħu jitqassmu minn kull min jixtieq jagħti daqqa t'id.

5.14.4. Is-Sindku ppropona li dawn jitqassmu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.14.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa mportanti illi t-tip ta' maskri jkunu approvati mill-awtoritajiet tas-saħħa.

5.14.6. Il-Kunsill iddeċieda li meta jkun hemm konferma uffiċjali mingħand id-donatur, is-Segretarjat għandu jikkuntattja bit-telefon il-35 negozji nklużi fil-lista, sabiex isir magħruf humiex ser jiedħu sehem f'din l-inizjattiva. F'każ li ma tingħatax konferma dak il-ħin, għandu jingħataw *deadline* biex isir dan.

**5.15.1. Inizjattiva – *Make a Card, Create a Smile* (A/1/1/Vol II)**

5.15.2. Il-Kunsillier I. Castillo għaraf li huwa flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini ntalbu jwasslu numru ta' *cards* li saru mit-tfal tal-Iskola Primarja lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Peress li l-komunikazzjoni mal-anzjani saret diffiċli minħabba ċ-ċirkostanzi marbuta mal-epidemija Covid-19, huwa flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini qed jipproponu li jsir filmat tal-kortolini li jkun jista' jintwera f'din id-dar.

5.15.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li huwa maħsub ukoll li meta jkun possibbli ssir attività f'dar il-Madonna tal-Mellieħa li tinvolvi ż-żewġ ġenerazzjoni.

5.15.4. Il-Kunsill approva l-inizjattiva.

**5.16.1. Għoti ta' figolli (A/1/1/Vol II)**

5.16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li persuna residenti f'Santa Marija Estate għaddiet 25 figolla lill-Pulizija tal-Komunità sabiex jitqassmu lil anzjani li mhumiex joħorġu minn djarhom minħabba l-epidemija tal-Covid-19.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Kuntatt mal-anzjani (A/1/1/Vol II)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet mitluba mill-organizzazzjoni Prism Malta u mill-Active Ageing Centre tal-Mellieħa sabiex jiġu ndikati lilhom persuni residenti fil-lokalità li ma joħorġux minn djarhom. Dan peress li membri fil-Prism jkunu jistgħu jistabilixxu kuntatt ma' persuni anzjani bil-għan li ma jaqgħux fis-solitudini. L-isem ta' din l-inizjattiva huwa "Bronja".

5.17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-aħjar sors ta' din l-informazzjoni huma l-uffiċċji parrokkjali u possibilment r-reġistru elettorali, minn fejn tista' tinstilet informazzjoni skont l-età.

### 5.18.1. Inkonvenjenti kkawżati mill-kostruzzjoni (A/6/3/1/Vol 110)

5.18.2. Il-Kunsillier G. Micallef qal li huwa ġie avviċinat minn xi residenti fil-Manikata li attwalment qegħdin jibqgħu fi djarhom minħabba l-epidemija tal-Covid-19. Dawn qed jilmentaw minn inkonvenjent ikkawżat b'ħinijiet twal matul il-ġurnata minħabba xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Huwa qal ukoll li r-Reġjun Ċentru għamel rappreżentazzjoni mal-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar sabiex jitnaqqsu l-ħinijiet li fihom jista' isir ix-xogħol.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li ħinijiet li fihom jista' jsir xogħol ta' kostruzzjoni huwa regolat bl-L.S. 552.09, fejn huwa stabbilit li ma jistax isir xogħol qabel is-7.00am u wara t-8.00pm, filwaqt li dan jista' jitwaqqaf bejn is-2.00pm u l-4.00pm, f'każ li jkun hemm ilmenti mir-residenti.

5.18.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lir-Reġjun Tramuntana sabiex jitlob lill-Ministru responsabbli mill-Ippjanar joħroġ struzzjonijiet bil-għan li kull xogħol ta' kostruzzjoni jkun limitat bejn it-8.30am u s-1.00pm.

### 5.19.1. Ramel fi Triq il-Marfa (X/1/3/Vol VIII)

5.19.2 Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni għar-ramel li jittellgħa bir-riħ fit-triq ta' mar-ramla tal-Għadira jista' jiġi miżmum permezz ta' xibka temporanja fil-ġenb tal-bankina matul il-*promenade*.

5.19.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li r-ramel jidħol fil-partijiet fejn il-ħajt tat-triq u l-bankina huma baxxi. Huwa qal li dan jista' jiġi kkontrollat billi jinbena ħajt baxx temporanju b'tali mod li jħalli l-ilma jgħaddi minn taħtu.

5.19.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tiġi diskussa mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, li huma responsabbli mill-immaniġġjar tal-bajja.

### 6.1. Kuntratt dwar iż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi (L/3/Vol II)

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li wara l-għoti tal-kuntratt l-ġdid dwar is-servizz imsemmi, fil-21 ta' Marzu 2020 nħarġet ittra ta' terminazzjoni lill-kuntrattur preċedenti Absolute Cleaners Ltd sabiex iwaqqfu s-servizz fil-31 ta' Marzu 2020. Dawn oġġezzjonaw għal din l-istruzzjoni għaliex ikkondentew li l-kuntratt li huma kellhom kien jistipula li għandu jingħata 30 jum.

6.3. Is-Sur C. Debono kompla jgħid fuq parir legali, Absolute Cleaners Ltd ġew imwieġba li l-osservazzjoni tagħhom ma kinitx legalment korretta billi l-klawsola kkwotata tapplika biss f'kaz ta' terminazzjoni tas-servizz qabel ma jiskadi il-kuntratt. Minħabba l-fatt li attwalment dak il-kuntratt huwa skadut, il-klawsola ndikati m'għadhiex applikabbli. Minkejja dan, tħalla jkompli bis-servizz sa tletin jum minn notifika li ngħatat, ossija sal-20 ta' April 2020. Din il-konċessjoni ngħatat fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali tal-Corvid-19, fejn wieħed jifhem il-pożizzjoni li jista' jkollhom ċertu entitatijiet.

6.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 7.1. Kuntratt dwar Titjib fiċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme (P/10/30)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li riżultat tar-riżoluzzjoni mgħoddija fis-seduta preċedenti, huwa għarraf lill-offerent Aretrop Ltd dwar l-intenzjoni tal-Kunsill li jiġi ffirmat il-kuntratt magħhom dwar it-titjib fil-Mużew tat-Tunnara. Permezz ta' imejl datat 20 ta' Marzu 2020, Aretrop Ltd wieġbu li għalkemm għandhom l-intenzjoni li jwettqu l-obbligi tal-kuntratt, mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jonoraw it-*time frames* stabbiliti, peress li l-parti l-kbira tal-impjegati tagħhom ġew ripatrijati fid-dawl tal-imxija Corvid-19. Qalu wkoll li l-fornituri, kemm lokali u barranin, qed jaffaċċjaw problemi fil-fornimenti ta' provisti.

7.3. Is-Sur C. Debono qal li l-*Funds and Programmes Division* qed tinżamm infurmata bis-sitwazzjoni.

7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Sejħa għall-offerti dwar Servizz ta' Tindif ta' Toroq Mhux Urbani
**(T/4/6/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li attwalment għaddejjin it-tħejjijiet sabiex issir sejħa għall-offerti dwar is-servizz imsemmi, u għalhekk staqsa jekk hemmx xi aspett ta' dan il-kuntratt li jixtiequ jikkummentaw dwarhom.

8.3. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg ippropona li t-tbattil tal-*litter-bins* jew *bins-on-wheels* ma jibqax parti minn dan il-kuntratt u minflok għandu jingħata permezz tal-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart domestiku. Huwa qal li dan l-aspett jinvolvi makkinarju li huwa aktar relatat ma' kuntratturi armati b'vetturi addattati għall-ġbir tal-iskart domestiku.

8.4. Il-Kunsill qabel li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u t-termini ta' referenza tal-kuntratt għandhom jiġu mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex iressqu xi proposti li jista' jkollhom sa ġimgħa wara d-data tas-seduta.

## 9.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2019 (F/1/1/Vol II)

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Diċembru 2019 kien jammonta għal €1,408,543, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €1,490,524, u hekk reġa' irriżulta bilanċ negattiv ta' €81,981.

9.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti (*Current Asset*) żdied tul it-tnax-il xhar koperti b'dan ir-rapport u kien jammonta għall-€1,417,301 (Settembru 2019 - €1,280,399), li €1,116,304 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji, €227,754 kien l-ammont li l-Kunsill kellu jdaħħal, €23,243 huma *stocks* ta' kotba. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* telgħu fil-livell ta' €608,880 (Settembru 2019 - €552,599). Dawn jikkonsistu minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba, kif ukoll Dħul Differit *(Deferred Income)* bis-saħħa ta' ftehim li sar ma' Transport Malta dwar ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin.

9.4. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 70% - żieda ta' 7% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

9.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), bejn Jannar u Diċembru, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €716,820 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*), filwaqt li nqatgħu *(Disposals)* b'kemm jiswew €378,544.

9.6. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Diċembru 2019 kien ta' €9,657,672, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €2,855,839.

9.7. Il-Kunsill dehrlu li m'hemmx ħtieġa li jsiru ebda *virements*, filwaqt li talab illi r-rendikont sħiħ jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## 10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta' April 2020.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn it-28 ta' Frar u s-27 ta' Frar 2020

10.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-9 ta' Marzu u t-3 ta' April 2020.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.40 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2020 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |